266

CS LEGAL

15 ta' Lulju 2019

Lic-Chairman

Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

PO Box 172

Marsa

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
22 JUL 2019
ST FRANCIS DITCH FLORIANA

Sur Chairman,

**EC/00069/19**

Ninfurmak illi Shaun Patrick Debrincat ta' Tal-Mielha Court, Block C, Casa JC, Triq ix-Xaghra, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex qed jappella mill-Avviz mahrug lilu skont l-Artikoli 95, 97 u 100 tal-Att VII tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Izvillup – Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq.

F' dan l-Avviz (kopja annessa), li l-appellant Shaun Debrincat gie notifikat bih fil-15 ta' Lulju u2019, l-istess appellant Debrincat gie infurmat li jidher li ghall-Awtorita' tal-Ippjanar hemm ksur tal-kontroll tal-ippjanar fi Ir-Ramla il-Hamra, Xaghra, Ghawdex u dan il-ksur ta' kontroll tal-Ippjanar jikkonsisti f' li :-

> 'Ghandek zvilupp minghajr permess li jikkonsisti fi bdil ta' uzu ta' parti minn bajja skedata ghal zona fejn qed issir attivita' kummercjali relatata ma' water sports; dan kollu fi propjeta' protetta skont il-gazzetta tal-Gvern GN7/95 u GN851/10.'

Illi l-appellant Shaun Debrincat qed jappella minn dan l-Avviz ghar-ragunijiet segwenti:-

1. Mhux minnu li l-appellant Shaun Patrick Debrincat kellu zvillup minghar permess li jikkonsisti fi bdil t'uzu minn bajja skedata, ghal zona fejn qieghda issir attivita kummercjali relatata ma' 'water sports' u dan fi propjeta' prottetta skont il-gazzetta tal-Gvern GN 7/95 u GN 851/10. Dan kif ser jigi ippruvat bid-dettalji waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell. Fin-numru kbir ta' drabi li l-ufficcjali tal-Awtorita' marru fuq is-sit qatt ma sabu l-ebda struttura fuq ir-ramel jew fil-bajja kif ukoll qatt ma kien hemm xi attivita' kummercjali ghaddejja hlief dik li ghaliha l-appellant ghandu l-permessi u kif stabilit u permess mill-Ligi;

2. Illi dan l-avviz nhareg biss ghax kien hem m terzi persuni li ghamlu pressjoni kontinwa mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex tipprova tiehu xi passi kontra l-appellant Debrincat u dan sabiex jassigura li tigi mnehhija kull forma ta' kompetizzjoni li jista' jkollu dan it-terz u dan wara li ttenta kull azzjoni possibbli biex jipprova jelimina tali kompetizzjoni. Dan meta l-istess terz ghandu diversi ksur tal-

Dr. Chris Said LLD. MP - Avukat
Address: 19, Triq tal-Ħanaq, Nadur, Gozo
Tel: 21558860 | Mob: 79474856 | Email: chris@chrissaid.com.mt
Address: 'Oasis', Triq Isqof P. Pace, Victoria, Gozo
Tel: 21561912 | Email: chris@chrissaid.com.mt

ligijiet tal-Ippjanar u minkejja li l-appellant gibed l-attenzjoni kemm il-darba tal-ufficcjali tal-Awtorita' dawn minkejja li raw l-istess ksur ghalqu ghajnejhom u qatt ma hadu passi;

3. Illi l-appellant Debrincat ma ghamel l-ebda struttura jew attivita kummercjali fis-sit indikat fl-avviz biex jieqaf u ta' twettiq indikat hawn fuq (EC/69/19). Illi minghajr pregudizzjoni ghas-suespost l-appellant Debrincat ghandu l-permessi necessarji tal-Awtorita' Maltija ghat- Trasport biex jopera dghajsa bil-water sports minn fuq il-bahar u dan kif ser jigi ippruvat waqt il-kors tas-smiegh ta' dan l-appell. U skont l-artiklu 37A (1) tal-Ligi Sussidjaraja 499.23 huwa jista' jbiegh is-servizz tal-garr tal-passiggieri minn distanza ta' mhux aktar minn hames metri boghod mill-postjiet stability li minnhom jittellghu u. jew jitnizzlu l-passiggieri. Fil-bajja tar-Ramla hemm post hekk stabilit mill-awtoritajiet li jigi immarkat kull sajf.

4. Illi ma tista' tapplika l-ebda multa fil-konfront tal-appellant Debrincat ghaliex huwa ma ghamel l-ebda zvillupp minghajr permess u ma ghamel l-ebda struttura permanenti jew temporanja. Huwa assurd li fl-avviz gew imposti dawn il-multi u dawn saru biss biex jigi sodisfatt terza persuna.

5. Minghajr pregudizzju ghal dak espost fil-paragrafu numru 4, zgur li ma tistax tigi applikati l-multa ta' Kategorija C ghaliex anke jekk ghall-grazzja tal-argument l-appellant ghamel dak indikat fl-avviz mahrug lilu dan bl-ebda mod ma jinkwadra that il-Kategorija C kif stipulat fl-Avviz Legali 276 tal-2012.

Salv sottomissjonijiet ohra li jsiru waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell.

Ma dan l-appell qed tigi annessa l-ircevuta li turi li l-appellant hallas l-ammont dovut biex jigi sottomess dan l-appell.

L-appellant jitlob li dan l-appell jinstema' fis-seduti li t-Tribunal jzomm f' Ghawdex.

Nirringrazzjak tal-attenzjoni.

Av Chris Said